



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2023/2058(INI)**

21.9.2023

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni fi żminijiet ta' kriżi  
(2023/2058(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Valérie Hayer

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Isostni li l-politika ta' investiment tal-baġit tal-UE u l-programmazzjoni pluriennali tiegħu huma fattur stabbilizzanti, li jgħin biex jiżgura li ċerti investimenti fit-tul li jsaħħu r-reżiljenza ekonomika, jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, u jagħtu spinta lill-impjiegi stabbli ma jgħux affettwati mill-volatilità taċ-ċikli ekonomiċi u r-reċessjonijiet nazzjonali;
2. Ifakkar li s-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni tinkludi mekkaniżmi li jistgħu jitqiesu bħala stabbilizzaturi awtomatiċi modesti matul kriżijiet asimmetriċi, jiġifieri r-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-introjtu nazzjonali gross; itenni l-ħtieġa li tiġi rispettata bis-sħiħ l-iskeda ta' żmien tal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda annessi mal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-16 ta' Diċembru 2020<sup>1</sup>, inkluża l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fl-UE kollha; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi biex tidentifika riżorsi proprji ġodda u preferibbilment ġenwini u sorsi oħra ta' dħul għall-baġit tal-UE lil hinn mill-FII;
3. Jiddispjaċih għall-fatt li l-UE, minħabba l-kompetenzi ristretti tagħha rigward it-tassazzjoni diretta u l-politiki soċjali, kif ukoll id-daqs limitat tal-baġit ġenerali tagħha, bħalissa m'għandhiex modi effettivi u immedjati biex tikkumbatti l-inugwaljanza u r-riskju tal-faqar, inkluż permezz tar-ridistribuzzjoni tal-introjtu bejn il-kontribwenti individwali jew l-unitajiet domestiċi privati fi żminijiet ta' kriżi; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kompetenzi msaħħa tal-UE u teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiku fil-politika tat-tassazzjoni tal-UE, inkluż permezz tat-tranżizzjoni għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;
4. Jissottolinja li l-Ewropa, kif ukoll il-bqija tad-dinja, qed jiffaċċjaw sfidi klimatiċi u ambjentali ta' skala u urġenza bla preċedent; jisħaq li l-kopertura u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" fl-UE ssaħħew bl-aġġornament tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet iżda għadhom frammentati, filwaqt li l-investimenti f'dan il-qasam għadhom mhumiex biżżejjed; jinnota li l-ġlieda iktar effikaċi kontra l-evitar tat-taxxa korporattiva fuq skala kbira tista' tipprovdi lill-gvernijiet bid-dħul meħtieġ biex jindirizzaw il-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-inugwaljanzi, u fl-istess ħin jiffinanzjaw servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, kif ukoll l-azzjoni klimatika, l-iżvilupp sostenibbli u r-risponsi umanitarji;
5. Iqis li kwalunkwe mekkaniżmu ta' tassazzjoni fil-livell Ewropew għandu jitfassal b'mod xieraq biex tiġi evitata d-delokalizzazzjoni tal-kapital, sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja fiskali u jingħata kontribut biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, minflok ma

<sup>1</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28).

titnaqqas il-bażi tat-taxxa; ifakkar, għal dak l-għan, fil-ħtieġa li jitqies l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-mobbiltà tal-bażijiet tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-prattiki tat-taxxa dannużi biex tattira individwi b'valur nett għoli fl-Istati Membri;

6. Jappella għal porzjon ta' kwalunkwe dħul iġġenerat minn mekkaniżmi ta' tassazzjoni permanenti stabbiliti fil-livell tal-UE jiġi introdott bħala riżorsi proprji, sabiex tkompli tittejjeb il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni tal-baġit tal-UE u jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet politiki tal-UE; jilqa' l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà temporanja mill-produtturi tal-fjuwils fossili li ntlaħaq qbil dwarha fil-Kunsill; jinnota li setturi oħra, bħall-industriji agroalimentari, finanzjarji u farmaċewtiċi, dan l-aħħar għamlu wkoll "surplus ta' profitti", u għalhekk jista' jiġi previst mekkaniżmu ta' solidarjetà għas-setturi li akkumulaw profitti eċċessivi u mhux dovuti; iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jivvalutaw kontinwament kif kwalunkwe dħul li jirriżulta minn mekkaniżmi temporanji ġodda ta' tassazzjoni tal-kriżi għandu jidħol fil-baġit tal-UE (kemm bħala riżorsi proprji kif ukoll dħul ieħor); jinnota li l-baġit tal-UE għandu jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u n-negozji, b'mod partikolari biex jiġu sostnuti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-intrapriżi żgħar u medji;
7. Ifakkar li l-baġit tal-UE ntuża kontinwament bħala għodda ta' rispons fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jesploraw il-possibbiltà li jużaw il-mekkaniżmi tal-infiq u tad-dħul tal-baġit tal-UE bħala strumenti ta' rispons u għal skopijiet ta' ridistribuzzjoni matul kriżijiet simmetriċi u asimmetriċi, mingħajr ma dan ikun ta' ebda detriment għall-politiki u l-programmi eżistenti; jappella, f'dan ir-rigward, għal strument speċjali permanenti addizzjonali lil hinn mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali, sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta aħjar u jirreaġixxi malajr għall-kriżijiet u l-effetti soċjali u ekonomiċi tagħhom fuq l-Istati Membri tagħha.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.9.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 2 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rasmus Andresen, Pietro Bartolo, Olivier Chastel, David Cormand, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Camilla Laureti, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna-Michelle Asimakopoulou, Martin Hojsík, Jan Olbrycht, Grzegorz Tobiszowski
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Estrella Durá Ferrandis, Daniel Freund, Ralf Seekatz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

24	+
PPE	Asim Ademov, Anna-Michelle Asimakopoulou, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Ralf Seekatz
Renew	Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Martin Hojsík, Nils Torvalds
S&D	Pietro Bartolo, Estrella Durá Ferrandis, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Camilla Laureti, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs
The Left	Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, David Cormand, Daniel Freund, Alexandra Geese

2	-
ID	Joachim Kuhs
Renew	Moritz Körner

5	0
ECR	Bogdan Rzońca, Grzegorz Tobiszowski
PPE	Monika Hohlmeier, Eleni Stavrou
S&D	Eero Heinäluoma

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni